l-litanija li ntagħżlek kienet tislima lil Ġesu Sagramentat.

Wara t-Te Deum u talb ieħor inqrat silta mid-diskorsi li kienet għamlet Ġuża fuq l-Ewkaristija. Din is-silta kienet tgħid hekk:

"F'messaġġ irrekordjat minn Ġuża fl-24 ta' Ġunju 1994 hija qalet, 'Illum jiena kelli viżjoni kbira ħafna fuq Ġesu ta'l-Ewkaristija li m'għandhiex x'taqsam ma' l-affarijiet tad-dinja u ta' l-art għax jiena rajt lil Ġesu ta' l-Ewkaristija u ħafna anġli sbieħ jagħtuh adorazzjoni bl-inċens f'idhom. Araw x'imħabba kbira għandu jkollna lejn l-Ewkaristija.

Rajt kwantita, eluf ta'anġli jaduraw b' wiċċhom fl-art, jagħtu qima lil Ġesu ta' l-Ewkaristija. L-ilbies ma ngħidilkomx kif kien. Min kien liebes l-abjad, min kien liebes kulur aħdar sabiħ, sabiħ ħafna, min kien liebes kulur ħafna sabiħ ċelesti, min kien liebes kuluri ċari fir-roża, zgħażagħ divini.

Ngħidilkom li l-ġebel immermer li għandi fid-dar sarli kollu affarijiet immensi sbieħ. Fil-ħin tal-viżjoni l-ġebel ma naraħx immermer, narah ileqq, kullimkien ikolli d-dawl, kullimkien ikolli d-dija, kullimkien rajt ħafna raġġi dal-lejl, raġġi ta' fided sbieħ imma dawk kienu neżlin mis-sema. Illum rajtha speċjali l-Ewkaristija... għax illum rajt ħafna żgħazagħ divini, minn tal-belt imqaddsa t'Alla jagħtu l-qima kif għandhom jagħtu lill-Mulej Ġesu fl-Ewkaristija: b'dak l-inċens f'idejhom, b'dik ir-ras baxxuta għarkobbtejhom, b'dak il-ġisem divin tagħhom li qegħdin jaduraw lil Ġesu ta' l-Ewkaristija..."

Wara din is-silta dawk miġbura qalu disa' Glorja Patri lid-disa' kori ta' l-angli biex flimkien ma' l-angli huma taw it-tifħir tagħhom lil Ġesù fl-Ostja.

# MESSAĠĠ MILL-ISQOF MICALLEF

Kif kien xieraq, l-Isqof Micallef għamel kelmtejn ta' l-okkażżjoni. Huwa beda d-diskors tiegħu b'silta mill-evanġelju ta' San Ġwann: " 'Jiena hu l-ħobż tal-ħajja. Missirijietkom kielu l-manna tad-deżert, u mietu. Dan hu l-ħobż li nieżel mis-sema, biex min jiekol minnu ma jmutx. Jien hu l-ħobż il-ħaj, li niżel mis-sema. Jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem. U l-ħobż li jiena nagħti huwa ġismi, li jingħata għall-ħajja tad-dinja.' Il-kelma tal-Mulej."

Imbagħad kompla hekk: "Żewġ kelmiet biss. Minn dak li smajna sa issa u minn dak li ilu sejjer hawnhekk ġo dan iċ-ċentru magħżul mill-Madonna sabiex b'post ieħor hija tistedinna lilna l-bnedmin sabiex nersqu lejn binha Ġesu, ċertament li l-invokazzjoni li nħolqot hawnhekk f'dana il-post umli illi lill-Madonna insejħulha b'dan it-titolu Madonna tal-Konsagrazzjoni, sejrin, jew aħjar ser jibda fil-knisja mhux biss hawn



Malta imma anka fil-Knisja Universali studju rikovert lejn din l-invokazzjoni taħt dan it-titolu, il-Madonna tal-Konsagrazzjoni.

Il-kelma konsagrazzjoni hija, per eżempju meta nikkonsagraw altar, nikkonsagraw knisja, meta aħna nirċievu l-konsagrazzjoni saċerdotali, meta aħna nitgħammdu, meta aħna nirċievu s-sagrament tal-griżma, meta intom il-miżżewġin tirċievu s-sagrament taż-żwieġ, dan ifisser fi kliem sempliċi illi dak il-post, dak l-oġġett per eżempju kalċi konsagrat, dik il-persuna saret proprjeta' ta' Alla. Il-Madonna saret proprjeta' ta' Alla għaliex huwa stess kien għażilha sabiex tkun l-omm ta' l-Iben tiegħu. Ara daqsxejn il-kobor ta' Alla fil-providenza tiegħu ... ried jinqeda b'daqsxejn ta' xebba, ix-xebba ta' Nazaret, it-tfajla ta' Nażaret, biex hu għażilha biex tkun kollha kemm hija tiegħu, b'ruħa u ġisimha, biex tkun l-ewwel tabernaklu ħaj ta' Ibnu magħmul bniedem.

It-titolu ieħor li ta anka l-Papa Ġwanni Pawlu II, il-mara ta' l-Ewkaristija u għandha t-titolu wkoll li nsejħulha bih il-Madonna ta' l-Ewkaristija - huma kollha veritajiet li aħna bil-fidi tagħna kif qegħdin nagħmlu llejla u kif nagħmlu kullmeta mmorru l-knisja quddiem Ġesu Sagramentat jew inkella nisimgħu il-quddiesa jew inkella mmorru għad-devożżjonijiet lejn il-Madonna, bħalma għamilna fix-xahar ta' Mejju, bħalma nagħmlu issa f'dan ix-xahar ta' Ġunju lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu, huma verament mumenti kif aħna nesprimu b'xi mod ir-ringrazzjamenti tagħna għal dak kollu li Alla l-imbierek għamel permezz ta' dina l-krejatura singolari, li għażilha, għamilha proprjeta' tiegħu biss, mill-ewwel mument tal-konċepiment tagħha sabiex hija tkun it-tabernaklu ħaj għal disa' xhur ta' Ibnu u ta' Binha li sar bniedem fi ħdanha.

Inkomplu mela b'dawn il-veritajiet li qegħdin issaħħuna, bil-fidi tagħna, il-Madonna tal-Konsagrazzjoni, il-Madonna ta' l-Ewkaristija, il-mara ta' l-Ewkaristija sabiex aħna permezz tagħha - u hija xtaqet kull fejn dehret, kullfejn qegħda tidher, biex aħna nersqu dejjem aktar qrib lejn binha Ġesu. Ikun imfaħħar Ġesu Kristu."

Matul din il-laqgħa sar diversi talb ieħor ta' tifħir u anka riparazzjoni lejn Ġesu ta' l-Ewkaristija, iċ-ċerimonja tal-qanpiena, it-talb tal-Madonna, ta' San Ġużepp u San Mikiel u tkantaw diversi innijiet Ewkaristiċi. Il-qofol tal-laqgħa intlaħaq bil-barka Ewkaristika fost il-ġabra kbira ta' dawk kollha preżenti.

Dun Nazzaren li wkoll attenda għal din il-laqgħa għamel dan ir-ringrazzjament: "Nirringrazzjaw lill-Arċisqof tagħna li tana l-permess għal din l-adorazzjoni u anka wkoll nirringrazzjaw lill-Monsinjur Adeodato Micallef illi għoġbu jiġi u jadura lil Alla magħna. Ikun imfaħħar Ġesu Kristu."

B'fiduċja nħarsu 'l quddiem għal-laqgħat oħra bħal dawn għaliex il-presenza ta' l-Ewkaristija hija bil-wisq għal qalb kull min jitla' l-Girgenti.

**Sylvana Spiteri LL.D**



# TISLIMA LIL BRO. VICTOR PRIVITERA

Il-Ġimgħa 18 ta' Lulju 2008 bdiet ħajja ġdida għal Bro. Victor Privitera – il-Mulej sejjaħlu ħdejh biex jagħtih il-premju tas-sema wara tnejn u sebgħin sena ta' ħajja reliġjuża fi ħdan il-Kommunita tal-Freres.

Kien bis-saħħa ta' Bro. Victor li dan il-fuljett kellu l-bidu tiegħu. Sa minn qabel ma kien membru tal-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni, Bro. Victor kien jattendi l-laqgħat fil-Girgenti u kien iħoss li dan il-Moviment għandu jkollu l-leħen tiegħu sabiex kemm il-membri kif ukoll il-poplu Malti u Għawdxi jinżamm infurmat b'dak li jkun qed jiġri.

Kien ġie mistieden għal-laqgħa tal-Kumitat sabiex b'mod formali jressaq l-idea tiegħu fil-preżenza ta' Ġuża wkoll. Din l-idea intgħoġbot minn kulħadd u ġie maħtur bħala l-Editur ta' dan il-fuljett li ħareġ l-ewwel darba f'April 1990.

Għal għaxar snin sħaħ Bro. Victor ħadem bis-sħiħ u b'entużjażmu kbir sabiex kull tliet xhur jippubblika dan il-fuljett. Fis-sena elfejn huwa ħass li minħabba raġunijiet ta' eta huwa għandu jagħti r-responsabilta' tiegħu lil xi ħadd iżgħar minnu. Madankollu, minkejja r-riżenja mill-kariga tiegħu ta' Editur, huwa xorta baqa' għal diversi snin oħra jieħu ħsieb l-istampar u t-tqassim ta' dan il-fuljett li tant kien għal qalbu. Kien biss f'dawn l-aħħar sentejn jew tlieta li ċeda wkoll ir-responsabilta ta' l-istampar u l-pustaġġ.

Iżda ngħidilkom li l-aħħar daqqa t'għajn tal-fuljett kien jagħtiha hu, għaliex ta' kull darba bqajt nibgħatlu l-i*script* sabiex jiċċekkja l-Malti. U ta' għalliem serju li kien ma kienx biss jiċċekkjaħ u daqshekk, iżda jagħmilli n-notamenti meħtieġa sabiex kemm nista' nevita li nirrepeti l-istess żbalji. Filfatt l-aħħar fuljett li ċċekkja kien proprju dak ta' Lulju 2008. Meta rċivejt l-i*script* lura mingħandu nsib li kitibli fuqu l-kelma "AWGURI" u l-firma tiegħu. Dak il-ħin bdejt nipprova nifhem x'ried jgħid biha l-kelma awguri. Awguri ta' x'hiex?

Iżda mbagħad meta ftit ġranet wara sirt naf bil-mewt tiegħu, ħassejt bejni u bejn ruħi li b'dik l-awguri bħal ried iħabbarli li l-missjoni tiegħu kienet spiċċat u li mill-fuljett li jmiss il quddiem kollox kien ser ikun f'idejja!

Grazzi Bro. Victor, grazzi mill-qalb. Inti kont ħafna strumentali sabiex il-messaġġ tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u l-grazzji li jinqalgħu permezz ta' l-interċessjoni tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud jsiru magħrufa. J'alla l-Mulej jkompli jagħtini l-kuraġġ u l-ħeġġa li kellek inti sabiex inkun suċċessur denja tiegħek. Bro. Victor, itlob għalina u għall-Moviment tal-Madonna ħalli dan ikompli jagħti l-frott u min-naħa tagħna aħna wkoll inwegħduk it-talb tagħna.



F'isem il-Kumitat nagħti l-kondoljanzi lil ħutu l-Freres, b'mod speċjali lil Bro. Emanuel, kif ukoll lill-familjarji u qraba tiegħu kollha. Mulej agħtih il-mistrieħ ta' dejjem...

Sylvana Spiteri LL.D

# L-ANNIVERSARJU TAL-MEWT TA' ĠUŻA MIFSUD

**Nhar it-Tlieta 28 ta' Ottubru 2008 jaħbat it-tnax-il anniversarju mill-mewt ta' Ġuża Mifsud. Ser tiġi ċelebrata quddiesa ghar-ruħha fil-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi dakinhar fis-6.30p.m. Nappella lil dawk kollha li qalgħu grazzji, dawk li kienu jafuha u d-devoti tal-Madonna sabiex nattendu u flimkien nirringrazzjaw lil Alla u l-Madonna li għoġobhom jinqdew b'Ġuża sabiex iwasslu l-messaġġ tagħhom.**

# SILTIET MILL-MESSAĠĠI TA' ĠUŻA MIFSUD

Ir-rużarju ngħiduh kuljum u ħadd ma għandu jorqod mingħajr ir-rużarju għax mistagħġba kemm qed tagħmel magħna s-Sinjura tal-Ħajja, din ir-Reġina tagħna tas-sema u l-art. Hija qaltli, "in-nies antiki li għexu qabilkom fl-antik, tant kienu jiftehmu, anka l-ġirien jgħidu r-rużarju flimkien, dak imur għand l-ieħor u l-familja l-oħra tmur għand l-oħra biex ma jorqdux mingħajr rużarju. Ir-rużarju huwa aktar minn dawk l-għaxar Ave Marijiet li jingħadu b'dik id-devozzjoni li jiena tant nieħu gost bihom. Dawk il-misterji kemm tad-doloruż, kemm tal-gawdjuż, kemm tal-glorja fihom ħafna tagħlim..."

Miskin hu min jaqbad il-bieb ta' l-infern, spiċċa mbagħad. Dawk m'hemmx talb għalihom. Fl-erwieħ tal-Purgatorju għandna t-tama u nitolbu għalihom biex illum jew għada jersqu lejn il-Mulej. Nitolbu għalihom l-erwieħ tal-Purgatorju, l-erwieħ tas-saċerdoti, l-erwieħ abbandunati li ma għandhom min jiftakar fihom ħadd. Niftakru fihom aħna. Jiena għandi talba għall-erwieħ abbandunati, ngħidha kuljum biex Alla jfittex jeħlishom minn dawk il-pwieni tal-Purgatorju. Pwieni mhux bilfors li jkunu fjammi tan-nar, tafux! Alavolja għandhom ħafna tbatijiet fil-Purgatorju imma

ghandhom it-tama li ghada jew pitghada jiltaqghu ma' l-id setghana t'Alla...

Nirriflettu ftit fuq dak il-kobor immens u bla qjies tat-twelid ta' Ġesu Bambin fil-ġranet sbieh tax-xahar ta' Diċembru, jew kif nghidulu x-xahar tal-Milied. Napprezzawha hafna din it-tarbija divina illi ġiet fid-dinja biex iġġib il-paċi, ġiet fid-dinja biex tbati, biex issofri, biex ibati mat-toroq tal-Kalvarju, biex nehhewlu hajtu fuq ghuda tas-salib u offra ruhu kollu kemm huwa lill-Missier Etern ghall-mahfra tad-dnubiet taghna...

## DVD – NITOLBU MA' MARIJA

Wara d-DVD "Ix-Xejn Ahjar Minni" u d-DVD li juri lil Ġuża waqt wahda mil-laqghat li kienet taghmel, issa ser nohorġu DVD ġdid jismu **"Nitolbu ma' Marija."** Dan id-DVD hu adattat ferm ghall-familja kollha mhux biss fix-xahar ta' Ottubru imma ghal matul is-sena kollha. Apparti dokumentarju qasir dwar Ġuża Mifsud u l-Girgenti, fih insibu wiehed u tletin hsieb Marjan ta' madwar hames minuti l-wiehed (hsieb ghal kull jum tax-xahar), kif ukoll il-misteri kollha tar-rużarju – ferh, dawl, tbatija, glorja. Ir-ritratti li hemm marbuta ma' kull misteru jghinu lil kull nisrani biex jghid ir-rużarju sew. Nafu li r-rużarju ma huwiex biss talba tal-fomm imma wkoll talba tal-mohh ghaliex irridu nimmeditaw fuq dik il-ġrajja fil-hajja ta' Kristu li nkunu qeghdin nghidu l-posta taghha.

Ir-rużarji, hlief ghall-misteri, huma bil-vuċi ta' Ġuża Mifsud li żgur li mis-sema tkun ukoll qed tinghaqad maghna f'din it-talba li tant kienet ghall-qalbha u li hi tant ghal qalb Ommna Marija Santissima.

## GRAZZJI MAQLUGĦA

**L. Caruana minn Marsaxlokk** fl-1 ta' Ottubru 1990 kiteb hekk: Ghal bosta snin kont inhoss uġigh fl-irkoppa tax-xellug. L-uġigh ma kienx gravi, pero kien idejjaqni. Kont immur ghand diversi Professuri, tobba u anka "masseurs". Min kien jghidli li ghandi l-altrite u min "wear and tear". Min kien ordnali l-massaġġi, min jghidli nilbes kalzetta, min biex naghmel l-eżerċizzju u kien hemm min tani l-pilloli ghall-uġigh. L-uġigh ġieli kien itaffieli pero mhux ghal kollox.

Fix-xahar ta' Ġunju ta' din is-sena, wara dik id-dehra li kien hemm fil-Girgenti, bdejt naghmel il-massaġġi bl-ilma mbierek mill-Madonna tal-Girgenti u nitlob bil-qalb, tant li anka kont naqbad nibki. Wara xi ġimgha ta' massaġġi u talb l-uġigh marli ghal kollox.

**Agnes Borg kitbet din l-ittra fl-4 ta' Frar 1986:** Meta kelli sitt xhur tqala, mradt bil-kliewi u kelli pressjoni kbira. Welduli l-baby, li kienet tifla, ċesarja ta' tmien xhur iżda tliftha wara jumejn li twieldet.

Wara sentejn erġajt hriġt tqila u meta kelli sitt xhur tqala mort ghand Ġuża u ghidtilha b'dak kollu li kien ġrali l-ewwel darba. Hi qaltli, "Mur binti ghax il-Madonna lilek diġa qeghda tghinek." Dak in-nhar stess filghaxija meta kont id-dar qabadni uġigh kbir f'dahari u ma stajtx norqod. Meta l-ghada mort ghand il-Professur dan qalli biex nidhol l-isptar halli jaghmluli it-testijiet kollha. Reġghu harġuli l-kliewi u telghetli pressjoni kbira hafna. Wara jumejn bid-dripp qaluli li l-ghada ser jerġghu joperawni ċesarja.

Dak inhar ta' l-operazzjoni qomt fil-hamsa u nofs ta' filghodu, kont ferhana hafna u ċempilt lil ommi u lir-raġel tieghi u ghidlu jiġi l-isptar ghax il-Madonna kienet qeghda tghinni. Rasi kienet ghaddietli tant li qomt mis-sodda bid-dripp f'idejja u mort it-toilet wahdi. In-nurses kollha harsu lejja u baqghu skantati bija ghax il-ġurnata ta' qabel kont qisni mejta bl-uġigh.

Dhalt ghaċ-ċesarja b'kuraġġ kbir u bis-santa tal-Madonna f'idejja. Din id-darba l-baby kien tifel u semmejtu Christian.

**Ines Debono mill-Fgura** kienet kitbet hekk: Ir-raġel kellu uġigh f'rasu u meta hadulu l-X Ray sabu li kellu xi haġa serja tant li riedu jaghmlu aktar testijiet. Sadanittant jiena mort ghand Ġuża tas-Siġġiewi biex nitlob quddiem l-inkwadru tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Ġuża kienet qaltli li ser ikun hemm affarijiet sbieh ghalina.

Jiena vera qlajt grazzja kbira ghax mit-testijiet ma rriżulta xejn minn dak li qabel kien deher fl-X Ray.

**F. Agius minn Birżebbugia** tirringrazzja lil Alla ghall-grazzja li qalghet bl-interċessjoni tal-Madonna u ta' qaddisin ohra.

### TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixhet il-harsa tieghek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tieghek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfahhrek u filwaqt li niżżik hajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni taghha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlaghli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. *Glorja lill-Missier...*





## AVVIŻI

1. Il-laqghat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Hadd 5 u 19 ta' Ottubru 2008 fil-5.00p.m.
   Il-Hadd 2 u 16 ta' Novembru 2008 fit-3.30p.m.
   Il-Hadd 7 u 21 ta' Diċembru 2008 fit-3.00p.m.
   Il-Hadd 4 u 18 ta' Jannar 2009 fit-3.00p.m.
2. Dawk li qalghu xi grazzja huma mheġġa li jiktbulna l-grazzja u jaghtuna kemm jistghu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. **Grazzji minghajr isem shih, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan taghkom.
3. Inheġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' shubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistghu jittiehdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320.
4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. **Ghandna wkoll id-DVD "Ix-Xejn Ahjar Minni" dwar il-hajja ta' Ġuża u l-messaġġ tal-Girgenti u DVD iehor li jinkludi r-rużarju b'lehen Ġuża Mifsud**. Dawn il-kotba u DVDs jistghu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.
5. Wiehed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, keychains, DVDs u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella minghand xi membru tal-Kumitat.
6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej:www.ourladyofconsecration.org

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jghaddi ġudizzju fuq dak li hu sopran-naturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.



NEWSPAPER POST

# LEHEN IL-GIRGENTI

MAHRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 76 OTTUBRU 2008 JITQASSAM BLA HLAS



*L-Isqof Mons. Adeodato Micallef li mexxa l-Adorazzjoni Ewkaristika*

## NADURAW LIL ĠESÙ OSTJA

Il-Hadd l-1 ta' Ġunju 2008, kull min tela l-Girgenti kellu l-grazzja li jassisti ghal Adorazzjoni Ewkaristika ohra li saret bil-permess ta' l-Arċisqof Mons. Pawl Cremona.

Wara li tkanta l-innu tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ntqalu tliet Ave Marijiet lill-Madonna bi thejjija ghal din il-laqgha, indaqqet il-Panis Angelicum filwaqt li l-Isqof Mons. Adeodato Micallef wassal lil Ġesu Sagramentat fuq l-artal mejda li ġie mhejji ghal okkażżjoni tant ghażiża. Wara ntqal ir-rużarju u